# FTAK MILL-ISTORJA TAL-MARSA

Kitba ta' Paul Dimech

Sehem importanti fil-festa titulari huma bla dubju ta' xejn il-qniepen li bil-ħoss ħelu tal-moti tagħhom iħabbru, jistiednu lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-festa tas-SS.ma Trinita'. Il-qniepen aktar mis-soltu sabiex ninġabru flimkien fit-tempju majestuż ħalli nagħtu qima w adorazzjoni lil Alla wieħed fi tliet persuni.

Fiż-żewġ kampnari imponenti tal-knisja matriċi dedikata lil ikbar misterju tal-fidi tagħna t-Trinita' Qaddisa nsibu erba' qniepen. Tlieta jinsabu fil-kampnar tal-lemin u l-oħra fil-kampnar tax-xellug. Dawn saru mill-magħrufa ditta ta' Milan, l-Italja u ħallsu għalihom Lorenzo u Marija Carmela Balbi. Kienu waslu Malta nhar 3 ta' Marzu 1912 u l-għada fil-9.00 ta' filgħodu ġew meħudin fil-knisja fejn tpoġġew taħt l-aħħar nava. Iċ-ċerimonja tat-tberik saret fl-14 ta' Marzu 1912, mill-wisq Reverendu Mons. Luiġi Attard, Vigarju Ġenerali tad-djoċesi ta' Malta. Iċ-ċerimonja li kienet sabiħa u kommoventi bdiet billi ħarġet purċissjoni mis-sagristija għall-aħħar kappella fejn kienu mdendlin il-qniepen mill-kleru w l-patrijiet Kapuċċini . Kienu preżenti l-benefatturi Lorenzo Balbi u ġemgħa kbira ta' mistiednin, flimkien mall-poplu Marsi entużjażmat għall-aħħar. Il-parrinijiet għall-qniepen kienu hekk; għall-qanpiena l-kbira kien il-Profs. Antonio Nani, u ġiet mgħammda bl-isem ta' 'Lorenza', u tinsab fil-kampnar tax-xellug. Dan l-isem naturalment ingħata għall-kavallier benefattur Lorenzo Balbi. Għat-tieni qanpiena magħrufa minn ħafna bħala l-kbira ta' l-arloġġ, ngħatat l-isem ta' 'Marija Karmela' għal mart Lorenzo, il-benefattriċi Marija Karmela Balbi. Il-parrinu tagħha kien is-Sur Ġiovanni Domenico Debono, il-perit tal-knisja tagħna. Is-Sur Amerigo Busuttil qagħad parrinu għat-tielet waħda ż-żgħira ta' l-arloġġ) li ġiet imsemmija 'Pawlina' għall-Appostlu missierna San Pawl. Il-qampiena ż-żgħira ħadet l-isem ta' 'Francesca' għall-patrijarka San Franġisk ta' Assisi, missier il-patrijiet Franġiskani Kappuċċini. Il-parrinu tagħha kien is-sinjur Ġiovanni Anastasi. Dawn it-tlieta jinsabu fil-kampnar tal-lemin fejn hemm ukoll l-arloġġ li kien ġie mqiegħed fid-9 ta' Mejju 1912, ftit taż-żmien wara li ddendlu l-qniepen. Meta spiċċat il-funzjoni tat-tberik u l-konsagrazzjoni tal-qniepen, dawk kollha preżenti daħlu fis-sagristija bl-istess ordni li kienu ħarġu w wara ġie mgħoti x-xorb fost il-ferħ ta' kulħadd. Mad-dehera tal-benefattur Lorenzo Balbi fis-sagristija intlaqa' b'applawsi kbar u anke meta Mons. Vigarju Luiġi Attard faħħar fid-diskors ta' l-okkażżjoni lilu w l-opra kbira li għamel għall-knisja tal-Marsa.

Fil-qniepen insibu dekorazzjoni b'mod artistiku fil-bronż u kitba bil-latin li hemm fuqhom tagħti dettalji ta' l-isem tagħhom, tal-benefattur, Balbi u s-sena 1912 meta ġew imdewba l-fonderija. Girlanda tassew artistika ssebbaħ il-qanpiena flimkien ma' l-arma ta' Balbi u tad-ditta Brigozzo ta' Milan. Fuq kull qampiena nsibu l-kurċifiss u l-Madonna taħt erba' titli, kif se nsemmu bl-ordni mill-kbira saż-żgħira: il-Kunċizzjoni, il-Madonna ta' Karmelu, Marija Assunta w l-Madonna tar-Ružarju. Fil-widnejn insibu dekorazzjoni ta' anġli u fuq kull qanpiena nsibu diversi xbihat ta' qaddisin fuq pedestall b'arma tas-SSma. Trinita' Ngħidu aħna fil-kbira nsibu lil San Lawrenz u 'l San Ġorġ fuq iż-żiemel u xi oħrajn. Fit-tieni waħda naraw l-erba' evanġelisti u fit-tielet waħda hemm San Pawl u San Pubbliju. Fiż-żgħira nsibu lil San Ġorġ u lil San Franġisk t'Assisi.

Il-qniepen għandhom sehem importanti fil-ħajja tal-kommunita' parrokkjali għaliex ikunu

*(jkompli f'paġna 35)*

huma li jfakkruna u jistiednuna sabiex nitolbu w nfaħħru lil Alla. Huma jfakkruna ta' kuljum f'Marija Santissima meta għal tlett darbiet idoqqu l-'Angelus'. Kull nhar ta' Ħamis filgħaxija wara l-arorazzjoni jdoqqu nota biex ifakkruna li l-Mulej Ġesu' tana l-Ewkaristija. Iferħuna wkoll bil-moti sbieħ tagħhom fil-festi solenni tal-kalendarju tal-knisja. Kienu dawn l-istess qniepen li iħabbru ġrajjiet ta' ferħ u solennita' bħal meta l-knisja ġiet mgħollija għall-parroċċa, ik-konsagrazzjoni tagħha, il-wasla tal-vara titulari, kif ukoll ħatriet ta' kappillani, festi u ċerimonji speċjali. Imma kienu wkoll dawn l-istess qniepen li fakkruna f'ġrajjiet ta' niket u swied il-qalb meta bit-tokki tagħhom xandru l-imwiet tal-benefatturi Lorenzo w Marija Carmela Balbi, imwiet ta' papiet, isqfijiet, kappillani, saċerdoti u parruċċjani. Ħaġa nteressanti ngħidu li l-qniepen ifakkruna fiż- żmien li jgħaddi u ma jerġax jiġi billi kull kwarta jdoqqu l-ħin ta' l-arloġġ u b'hekk nagħrfu aktar fil-ħajja li fadlilna sa ma mmorru fl-Eternita'. Fl-aħħar gwerra dinjija, kienu waqgħu fis-skiet, kif jagħmlu fuq kollox darba fis-sena, nhar il-Ġimgħa l-kbira, meta ċ-ċuqlajta kienet tieħu posthom.



Is-sena l-oħra, nħass il-bżonn li ssir manutenzjoni fil-qniepen. Ix-xogħol inbeda f'Ġunju wara l-festa tal-Qalb ta' Ġesu'. Il-manutenxjoni kienet tikkonsisti fit-tibdil taċ-ċinturini tal-qniepen kollha w sar tiswija fil-kalamita' tal-kampnari, minn Lino Camilleri u Leli Mifsud. L-ilsna tal-qniepen nqalgħu minn posthom u saret manutenzjoni fuqhom għand "Cassar Shipyard" tal-Marsa. Sar imbagħad, it-tindif tal-qniepen tat-travi li fuqhom huma mdendlin il-qniepen. Dan ix-xogħol, li flimkien mal-brixx u tikħil tal-kampnari minn ġewwa sar kollu b'xogħol volontarju minn:- Domnic Spencer, Joe Attard, Joseph Bonello, Mario Bonello, Stephen Attard u Dione Cefai. Anġlu Catania għamel l-iċumbar tal-ħbula l-ġodda tal-qniepen. Ix-xogħol kollu tlesta sa Awissu fejn nhar il-Ħamis 11 ta' Awissu, reġgħu semmgħu leħenhom b'mota ferrieħa.

Komplu ja qniepen sebbħu lil Alla w fakkruna biex f'dawn il-jiem għeżież tal-festa, ningħaqdu flimkien f'kommunita' waħda ta' fidi u mħabba. J'Alla bil-moti tagħhom, inħossu d-dmir li ta' nsara Marsin, nattendu bi ħġarna għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja ħa nagħtu kull ġieh u glorja lis-SSma. Trinita' patruna tagħna.